10 ta' Marzu, 1952

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., 1/*President;*

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Kurunell Stephen Borg ne. *versus* A.I.C. Gustavo Romeo Vincenti**

**Appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat — Retratt — Sentenza Finali u Definitiva.**

*Biex jingħata permess bid-dritt għall-appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat hemm bżonn, fost affarijiet oħrajn, li s-sentenza li kontra tagħha jrid isir l-appell tkun finali u definitiva.*

*Sentenza li tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-invalidità ta' retratt ma hix sentenza finali u definitiva; għax dik is-sentenza ma tostakolax it-trattazzjoni ulterjuri tal-kawża.*

Il-Qorti — Rat il-petizzjoni ta' l-imsemmi Gustavo Romeo Vincenti, li talab li jiġi lilu mogħti l-permess biex jappella quddiem il-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tagħha r-Reġina mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-4 ta' Frar 1952 fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija;

***Omissis;***

Ikkunsidrat;

Illi t-talba tal-konvenut Vincenti, kif imsemmi fl-istess petizzjoni, hija bażata fuq it-tieni sezzjoni, inċiż (a), ta' l-Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909, kif emendat bl-Order-in-Council tal-5 ta' Novembru 1942. Skond dik is-sezzjoni "an appeal shall lie as of right from any final judgment of the Court, where the matter in dispute on the appeal amounts to, or is of, the value of five hundred pounds sterling or upwards..........." Għalhekk, biex jingħata permess għall-appell bid-dritt lill-Maestà Tagħha fil-Kunsill Privat, hemm bżonn, fost affarijiet oħra, li s-sentenza li kontra tagħha jkun irid isir l-appell tkun definitiva u finali;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur nomine kontra l-imsemmija talba tal-konvenut oppona li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-4 ta' Frar 1952 mhix "final judgment" fis-sens tal-liġi, u għalhekk dik it-talba ma tistax tiġi ammessa;

Ikkunsidrat;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Mejju 1951 ġie deċiż li mill-mod kif mexa l-konvenut ma kien hemm ebda rinunzja għall-eċċeżzjoni ta' l-invalidità ta' l-irkupru, b'mod li kwalunkwe eċċezzjoni f'dan is-sens ma tistax tiġi intrattenuta, u ġiet miċħuda t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut kontenuta fin-nota ulterjuri ta' l-eċċezzjonijiet. Il-konvenut appella kontra din l-aħħar biċċa tas-sentenza, jiġifieri minn dik il-parti li biha ġiet miċħuda t-tieni eċċezzjoni fuq imsemmija; u fuq dan l-appell il-Qorti, bis-sentenza tal-4 ta' Frar 1952, ikkonfermat dik ta' l-ewwel istanza. Fid-domanda tal-lum il-konvenut qiegħed jitlob li jiġi lilu akkordat il-permess li jappella lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat mill-imsemmija deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fl-4 ta' Frar 1952;

Ikkunsidrat;

Illi ma jistax jingħad illi dik is-sentenza ta' l-4 ta' Frar 1952 hija definitiva u finali, billi ma tostakolax it-trattazzjoni ulterjuri tal-kawża fil-meritu, u billi dana l-meritu għadu ma ġiex deċiż. Din il-Qorti, bid-deċiżjoni tagħha tat-13 ta'

Diċembru 1926 in re Dr. Pullicino ne. vs. Salvatore Grixti ne. et." (Kollez. Vol. XXVI, Parte I, Sez. II, paġ. 144),

sostniet li s-sentenza li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-*persuna* ta' l-*appellant* mhix finali, "siccome tale decisione permette la trattazione della causa nel suo merito, e l'attore, dopo la sentenza di merito, avrà sempre l'agio di muovere reclamo avverso la medesima, tanto per riguardo al merito quanto rispetto al rigetto della eccepita illegittimità di persona. Diverso sarebbe il caso ove questa Corte avesse accolto la eccezione surriferita, in conseguenza di che l'appellante sarebbe stato precluso dal proseguire il suo appello, essendo intuitivo che in tale ipotesi la pronuncia di questa Corte sarebbe stata finale". Fl-istess sens jinsabu ċitati sentenza tat-Tribunal ta' Quebec u tnejn tal-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina. F'waħda minn dawn ta' l-aħħar jingħad li "an order is not a final order unless it finally disposes of the rights of the parties";

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tirrespinġi t-talba tal-konvenut A.I.Ċ. Gustavo Romeo Vincenti għall-permess biex jappella lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-4 ta' Frar 1952; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut Vincenti.